# TRIBUNAL INDUSTRJALI

## DECIZJONI NUMRU 2260

**Kaz Numru 3055/CC**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Anthony Vassallo (ID 41781 M)**

**u**

**Joseph Debono** **ezercenti fil-kummerc bhala ‘Casa In’ .**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta**

**Chairperson : Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)**

**Nhar l-Erbgha 8 ta’ Jannar, 2014**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta’ nota pprezentata mill-Appellant Anthony Vassallo fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar is-22 ta’ Awwissu 2012 fejn sostna li t-terminazzjoni tal-impjieg tieghu ma’ kienetx ghal raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi. Is-Socjeta ntimata minn naha l-ohra sostniet li l-impjieg tal-Appellant gie terminat gustament b’mod validu.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm hdax -il seduta fejn sema’ l-provi prodotti miz-zewg nahat u evalwa d-dokumenti kollha kif prezentati, kif ukoll it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri.

Ma’ kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien xahar kif stabbilit mill-ligi minhabba limitazzjonijiet ta’facilitajiet amministrattivi.

- **Rapprezentanza**

Anthony Vassallo li minn issa l-quddiem ser jissejjah l-Appellant kellu l-assistenza ta' Dr Matthew Brincat.

Joseph Debono ezercenti fil-kummerc bhala 'Casa in' li minn issa l-quddiem ser jissejjah is-Socjeta ntimata kien irraprezentat minnu stess assistit minn Dr Keith A. Borg u Dr.Carlos Bugeja.

- **Fatti fil-qosor tal-kaz**

L-Appellant kien jahdem mas-Socjeta ntimata bhala *Sales Manager* sa mill-1 ta' April 2011.

Fit-30 ta' Gunju 2012, is-Socjeta ntimata infurmat lill-Appellant li l-impjieg tieghu kien qed jigi mitmum b'mod immedjat.

Fil-waqt illi l-Appellant isostni li huwa ma' nghatax ragunijiet ghall xhiex tkecca mix-xoghol, is-Socjeta ntimata tghid li l-Appellant kiser bosta mill-kundizzjonijiet li jiffurmaw parti mill-kuntratt tax-xoghol tieghu.

- **Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Joseph Debono** xehed li huwa s-sid tas-Socjeta ntimata, li huwa negozju li jbiegh l-ghamara u affarijiet konnessi. Huwa qal li mpjega lill-Appellant fil-kariga ta' *Manager*, fejn spjega li fil-bidu l-*performance* tieghu kienet mhux hazin u kien jafdah, pero maz-zmien bdew jittfaccjaw problemi fejn l-Appellant ma' kienx jaghtih certu rendikonti ta' kif kien ikun sejjer ix-xoghol. Ix-xhud ta' dettalji ta' diversi episodji li jispjegaw dawn il-problemi.
Ix-xhud kompla jaghti rendikont ta' meta mpjega fis-*Sales* lil Jason Vassallo li jigi hu l-Appellant, fejn idddeskrivih bhala mpjegat tajjeb hafna u jaf imur man-nies. Spjega kif xi zmien wara, Jason infurmah li huh kien qed jaghmillu cert' ostakoli li kienu qed ixxekklulu xoghlu, fejn allura huwa ha decizjoni li dan ma' jibqax jahdem taht is-supervizjoni ta' huh izda jkun direttament taht ir-responsabilita' tieghu.

Spjega kif dan Jason kien infurmah li huh ma' riedx jattendi ghat-*trade fair* ghaliex kien jiddejjaq. Qal li dan l-ahhar Jason infurmah li kien ser jirrezenja mix-xoghol minhabba problemi familjari.

Ix-xhud spjega li matul l-impieg huwa wissa diversi drabi bil-fomm lill-Appellant dwar il-mod kif kienu sejrin l-affarijiet fejn ir-rejazzjoni tieghu kienet tkun wahda fejn huwa ma' jirrejagixxi xejn u skond ix-xhud wara kien jaghmel fattih. Qal li dawn it-twissijiet gieli saru bejniethom it-tnejn u gieli fil-prezenza ta' haddiehor, fejn issemmiet l-*Accountant* Wendy Ciappara Walker.

Ix-xhud kompla jixhed li skond il-kuntratt tax-xoghol l-Appellant ma' setax jaghmel xoghol *part-time*, pero ikkonkluda li fil-fatt huwa kien jaghmel xoghol ta' mastrudaxxa ghaliex barra l-*workshop* tieghu huwa kien jara xkejjer mimlijin cana u gieli rah jghabbi ghamara minghand li *sprayer.*

Kompla jispjega kif kien jinzamm speci ta' registru fejn l-impjegat li jkun ikkonkluda b'success xi bejgh, kien jirregistra tali bejgh f'ismu. Qal li l-Appellant gieli ngassa l-isem ta' xi mpjegat u minflok nizzel ismu sabiex jinftiehem li l-bejgh kien ikun sar minnu.

Spjega kif huwa temm l-impieg tal-Appellant wara li dan kien qallu li minkejja li kien wissieh diversi drabi, l-komportament tieghu baqa wiehed mhux accettabbli tant li kien qed jikkreja hafna tensjoni anke fost l-impjegati l-ohra.

Kompla li wara li spicca mix-xoghol l-Appellant huwa ma' mpjega lil hadd minfloku u li d-doveri li kien jaghmel l-Appellant kien qieghed jaghmilhom hu. Qal ukoll li l-atmosfera fuq ix-xoghol tjiebet hafna wara t-tluq tal-Appellant.

**Darren Callejja** xehed li huwa ilu jahdem mas-Socjeta ntimata ghal ftit aktar minn sentejn bhala konsulent fl- *IT Administration.* Huwa ta' deskrizzjoni ta' kif issir ordni ta' xoghol u elenka certu zbalji ortografici u zbalji ohra maghmula mill-Appellant fi *quotations* u *orders* fejn darba minnhom l-Appellant fil-presenza tieghu anke inghata *warning* verbali minghand is-Sur Debono fuq *order* li kien fiha qisien hziena. Ix-xhud stqarr li lill Appellant qatt ma' kellmu fuq dawn li zbalji pero kien jinforma lis-Sur Debono s-sid tal-kumpanija anke fuq zbalji ta' haddiehor. Spjega kif it-*time sheet* ma' kienetx timtela mill Appellant minkejja li kien intqal lilu sabiex timtela, pero stqarr li ma jafx jekk fuq din l-Appellant kienx gie mwissi.

**Sarah Bartolo** xehdet li hija li hadmet bejn Frar 2011 u Frar 2013 mas-Socjeta ntimata fil-kariga ta' *Design Consultant*, fejn kellha lill-Appellant bhala *manager*. Spjegat li fil-bidu r-relazzjoni tax-xoghol bejniethom kienet mhux hazin, pero mal-andament taz-zmien l-affarijiet iddeterjoraw. Spjegat kif xi zmien wara li kien spicca mix-xoghol l-Appellant, skopriet li huwa kien jikkancella isimha minn fuq xoghol li tkun ghamlet hi u jpoggi ismu sabiex ikun jidher li dan ix-xoghol ghamlu hu.

**Wendy Ciappara Walker** xehdet li hija mpjegata *part-time* mas-Socjeta ntimata bhala *accountant* , fejn hadmet mal-Appellant sakemm huwa dam jahdem maghhom. Spjegat f'certu dettall ix-xoghol taghha u kif kienet tirrelata xoghlha ma' dak tal-Appellant. Spjegat kif sa mill-bidu nett, l-Appellant kien juri certa traskuragni u jew inkompetenza f'dik li hija amministrazzjoni ta' dokumenti, b'tali mod li kienu jinholqu diffikultajiet fix-xoghol ta' *accounting*. Spjegat li skond ma' taf hi, is-Sur Vassallo d-Direttur ma' kienx jiddelitta bil-*warnings* miktubin, fejn stqarret li lejliet li gie mitmum l-impijeg tal-Appellant, huwa kien gharrafha li fl-assenza tal-Appellant li kien imsiefer ghal-hmistax il-gurnata x-xoghol kien mexa ahjar u daqstant kien ser itemmlu l-impjieg.

**Anthony Vassallo,** l-Appellant xehed li huwa kien impjegat bhala *Showroom Manager* mas-Socjeta ntimata sa minn Novembru 2010. Huwa ta' spjega dettaljata tax-xoghol li kien jaghmel. Qal li fil-waqt li gieli ingibditlu l-attenzjoni dwar xi *works orders* fejn ix-xoghol ordnat ma' kienx jigi minn barra ezatt bhal ma' kien gie ordnat, pero ix-xhud sahaq li huwa qatt ma' nghata xi twissija li jistgha jitkecca. U dan la verbalment u l-anqas bil-kitba.
Ix-xhud kompla li meta kien dahal lura xoghol wara li kien ghamel gimgha bil-*leave*, huwa kien gie msejjah mis-Sur Debono d-Direttur sabiex ikellmu fejn dan talbu c-cwievet tal-*premises*, fil-waqt li infurmah li kien temmlu l-impieg minghajr ma' tah raguni, ghajr li qallu li matul iz-zmien li huwa kien bil-*leave*, minghajru hadmu ahjar.
Spjega li xi gimghatejn qabel hareg bil-*leave* huwa kien qieghed jinnota li s-Sur Debono kellu atteggjament kemmxejn stramb lejh u staqsieh jekk kienx qieghed jaghmel xi haga hazina jew jekk iridx jghidlu xi haga. Pero' x-xhud qal li kull ma qallu kien biex jiftah ghajnejh.

Spjega li qabel dahal jahdem mas-Socjeta’ ntimata huwa kien jahdem ghal rasu bhala mastrudaxxa u kellu hanut tal-haxix li wara kien qed jiehu hsiebu huh. Spjega li kien tkellem mad-Direttur Debono fejn kien qallu li kien ser ikompli jahdem xi xoghol zghir ta’ xi hbieb li kien ilu zmien sabiex ilestihom, fejn Debono ma’ wera l-ebda oggezzjoni, minkejja li fil-kuntratt tax-xoghol kellu li ma’ setax jaghmel xoghol *part-time*.
Mistoqsi mit-Tribunal jekk qattx ingibditlu l-attenzjoni dwar il-mod kif kien jittratta l-impjegati kollegi, ix-xhud wiegeb li sa fejn jaf hu kollox kien jimxi sew u la s-Sur Debono u lanqas xi hadd mill-impjegati qatt ma’ ilmentaw mieghu. Qal illi lil Sarah Bartolo spiss kien jigbdilha l-attenzjoni dwar *customer care.*
Dwar li gieli ngibditlu l-attenzjoni li ma’ kienx qed ikun efficcjenti fir-rigward tal-attendenza tal-impjegati, ix-xhud ikkonferma li dan gieli sar pero’ dan kien qabel ma’ qalbu ghas-sistema komputerizzata, fejn imbaghad kollox beda miexi tajjeb. Spjega li huwa kien spiss jitkellem mad-Direttur Debono dwar affarijiet konnessi max-xoghol.
Ix-xhud kompla li l-uniku darba li Debono kellmu b’certu rabja kien meta qallu li jrid li s-*sales* jizdiedu. Dan ghamlu fil-waqt li ta rendikont ta’ klijenti li kienu ser jordnaw kcina minghand il-kumpanija pero’ wara hassru l-ordni ghaliex rawha gholja fil-prezz.
Dwar iz-zamma tal-attendenza tal-impjegati ix-xhud stqarr li sakemm giet installata sistema komputerizzata gieli kellu problemi ghaliex l-impjegati mhux dejjem kienu jnizzlu l-hinijiet tad-dhul jew hrug taghhom. Fejn minkejja li huwa spiss kien jigbdilhom l-attenzjoni dwar dan , kien ikun hemm xi drabi fejn minhabba li kien ikun intrigat ma’ xi klijenti dan ma’ kienx jaghmlu. Qal li s-Sur Debono gieli gibidlu l-attenzjoni dwar dan il-fatt.
Spjega li huwa kien jahdem mal-kumpanija mit-Tnejn sas-Sibt u gieli l-Hadd kien jaghmel xi xoghol hafif aktar bhala *hobby* fil-garaxx ta’ missieru. Xoghol li ma’ kienx jista jinbiegh mix-*showroom* tal-kumpanija.
Ix-xhud temm billi qal li sa fejn jaf hu ftit taz-zmien wara li huwa spicca mill-impjieg, ix-*showroom* ma’ baqghetx topera.

**Gabriella Azzopardi** permezz ta’ *affidavit* xehdet li hija kienet tahdem mas-Socjeta’ ntimata bejn l-1 ta’ April u l-5 ta’ Ottubru 2011 bhala *salesperson,* fejn kienet taf lill-Appellant bhala s-*Sales Manager*.
Stqarret li l-Appellant kien professjonali f’xoghlu u kien dejjem dispost li jaghti ghajnuna u nformazzjoni teknika fil-bejgh ta’ prodotti mix-*showroom.*

Ix-xhud kompliet li l-Appellant kien jaghti mportanza li jkun hemm *team-work* u dan permezz ta' laqghat mal-impjegati fejn kienu jigu diskussi idejat u opinjonijiet.

**Jason Vassallo** xehed illi huwa kien qabad jahdem fuq bazi *full-time* mas-Socjeta' ntimata f'Dicembru 2011 fejn kellu lill huh Anthony l-Appellant bhala l-*manager* tieghu. Ix-xhud qal li fil-bidu tal-impjieg tieghu huwa u huh l-Appellant kienu gew avvicinati minn Joseph Debono d-Direttur tas-Socjeta' ntimata, fejn kien gharrafhom li kellu pjanijiet tajbin u stedinhom sabiex jaghtihom *shares* fil-kumpanija. Kompla li mhux hafna wara, is-sur Debono kellem lilu u lill huh l-Appellant fejn qalilhom li huwa investha hafna flus fil-kumpanija u li jekk b'mod generali u cjoe bhala kumpanija ma' jsirux *sales* bizzejjed kien lest li jaghlaq ix-*showroom*. Dan id-diskors minn naha ta' Debono sar aktar minn darba kemm fil-presenza taghhom it-tnejn u anke tieghu wahdu stqarr ix-xhud.
Ix-xhud qal li Debono gieli lmenta mieghu dwar huh fuq haga wahda biss, ghaliex diversi drabi kien icempillu sabiex jitolbu jaghti xi *discounts* lill-klijenti.
Dwar l-ingagg ta' Manwel Spagnol, ix-xhud qal li meta huh l-Appellant kien bil-*leave,* dan Spagnol kien gie jkellem lill Debono, fejn wara li tkecca huh, dan qabad jahdem maghhom. Meta staqsa b'mod dirett lid-Direttur Debono ghala kien kecca lil huh u mpjega lill Spagnol fuq *sales,* wiegbu li Spagnol kien ser jigieh orhos ghaliex kien ser ikollu salarju anqas minn ta' huh l-Appellant.
Ix-xhud qal li xi xahar wara, id-Direttur ircieva xi korrispondenza minghand huh. Dwar dan Debono qallu li jekk huh kellu ntenzjoni li jdahhlu l-Qorti ser jgharralhu ghaliex huwa qatt ma' tilef kawza u li jaf x'ghandu jaghmel. Ix-xhud kompla li xi xahar wara huwa ta *notice* li kien sejjer jirrizenja mix-xoghol.
Ix-xhud qal li dwar huh fir-rigward ta' xoghol jaf li kien jahdem tajjeb u qatt ma' ra argumenti bejn huh l-Appellant u d-Direttur Debono. Wara x-xhud ghadda sabiex jaghti dettalji ta' kif kienet ir-relazzjoni tieghu ma' huh fir-rigward ta' *sales* ta' xoghol. Spjega anke kif kienu jitnizzlu l-ismijiet fuq l-*invoice/quotation* meta jkun sar *sale.*
Dwar dak li gie allegat li huh kien jaghmel xoghol privat, ix-xhud qal li sa fejn jaf hu qatt ma' rah jaghmel xoghol lill-klijenti tas-Socjeta' ntimata u qal li difficli li seta' jsir ghaliex huh kien ikun xoghol minn fil-ghodu sa fil-ghaxija.

Stqarr li sahansitra anke meta kellu bzonn kcina, huwa xtraha minghand is-Socjeta’ stess u ma’hadimilux huh. Jaf pero’ li bi ftehim ma’ Debono, huh kien baqa jahdem fuq xi xoghol ghal hbieb li kien bdieh qabel ma’ qabad jahdem mal-kumpanija u li kien ordnat u ma’ kienx lahaq lestieh. Dwar Sarah Bartolo, ix-xhud qal li hija kienet tahdem mieghu fuq *sales*. Stqarr li waqt il-hin tax-xoghol hija l-hin kollu kienet tkun fuq il-*mobile* u fuq *facebook*. Qal li hija xejn ma’ kienet kumplimentuza mal-klijenti. Dwar dan ix-xhud qal li Debono d-Direttur kien urieh bl-intenzjoni li jwaqqafha mix-xoghol u li hu u huh gieli intervjenew ma’ Debono sabiex jaghtiha cans timpruvja.
Ix-xhud temm ix-xhieda trieghu billi stqarr li huwa qatt ma’ tkellem ma’ Debono dwar li huh ma’ riedx jiehu sehem f’xi fiera.

- **Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

**Dr. Carlos Bugeja** f’isem is-Socjeta ntimata beda l-argumenti tieghu billi qal li quddiem it-Tribunal hemm zewg verzjonijiet differenti u cjoe dik prodotta minn naha tas-Socjeta’ ntimata u dik tal-Appellant. L-Avukat Bugeja argumenta b’diversi ezempji li x-xhieda prodotta minn naha tal-Appellanti kienet nieqsa minn certa kredibilita’. Dr.Bugeja spjega li l-principal tas-Socjeta’ ntimata ma kienx jaghti twissijiet bil-miktub ghaliex kien ristrett fil-livell edukattiv, pero’ sostna li tkeccija ma’ saritx b’mod sommarju ghaliex saret wara diversi ilmenti li l-principal versu l-mod kif kien jagixxi l-Appellant u ghaldqastant kienet wahda gusta.

**Dr. Matthew Brincat** beda jittratta billi qal li t-tkeccija tal-Appellant kienet nieqsa minn elementi necessarji sabiex tkeccija tkun meqjusa bhala wahda gusta. Dan ghaliex fil-mument tat-tkeccija l-Appellant ma’ kienx konfrontat b’akkuzi specifici fejn l-anqas inghata c-cans li jiddefendi ruhu kontrihom propju ghaliex ma’ kienx jaf x’inhuma. Dwar l-ilmenti li l-principal gieli gibed l-attenzjoni dwarhom mal-Appellant, Dr.Brincat sostna li fl-ebda mument ma’ inghata xi *warning*. Dr.Brincat ghalaq l-intervent tieghu billi sahaq li sabiex tkeccija mix-xoghol tkun gusta trid tkun mhux biss sostnuta b’akkuzi cari izda li tali akkuzi jekk jigu ppruvati jridu jkunu ta’ portata li t-tkeccija tkun wahda meritata.

- **Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

It-Tribunal Industrjali jinnota :

- Li fil-waqt li gieli ngibdet l-attenzjoni tal-Appellant sabiex joqghod aktar attent f'xogholu, huwa qatt ma' gie esplicitament imwissi la verbalment u wisq anqas bil-miktub li l-mod kif qed jopera huwa hazin u li dan seta' jwasssal ghat-tmiem tal-impieg tieghu.

- In-nuqqas minn naha tas-Socjeta ntimata li matul dan il-process tesponi ragunijiet u provi tajbin u sufficcjenti sabiex tissostanzja d-decizjoni tat-temm tal-impjieg tal-Appellant.

- L-mod sommarju li bih gie mitmum l-impjieg, bla ma gew moghtija ragunijiet konkreti lill Appellant ghala ttiehdet tali decizjoni, ghajr li '… fl'assenza tieghek ix-xoghol mexa ahjar…', u sussegwentament minghajr ma' nghata c-cans lill Appellant sabiex jaghti spjegazzjoni xierqa ta' dak li seta' kien qed jigi mixli bih.

- **Decizjoni**

Bosta drabi dan it-Tribunal diversament presedut ghamel distinzjoni netta bejn li tingibed l-attenzjoni sabiex ix-xoghol isir b'aktar galbu u twissijiet formali bhala mizura ta' dixxiplina, kemm verbalment jew bil-miktub fir-rigward ta' nuqqasijiet mwettqa. Li skop ta' twissijiet formali (possibilment, izda mhux necessarjament bil-miktub) huwa wiehed sabiex *Employer* juza biex jaghti cans lill-impjegat ibiddel ir-rotta u jekk jippersisti fin-nuqqasijiet tieghu jigi ndikat lilu l-konsegwenzi.

L-*Employment Appeals Tribunal* fl-Ingilterra fil-kaz Plasticers Ltd. vs Harold Amos dwar 'twissija', jaghti tifsira tajba. Fi ftit kliem jghid li twissija '*is only shorthand for steps which ought to be taken by the management and could otherwise be described in a case like this, as efforts to try to make the employee change, and an indication to him of the consequences if these efforts are unsuccessful'*

Matul dan il-process ntqal li kien hemm drabi fejn il-principal kellem/wissa lill Appellant fir-rigward ta'episodji differenti. Ma' ngibux provi sostanzjati pero', li dawn kienu twissijiet serji li setghu wasslu ghat-temm tal-impjieg, anzi l-Appellant cahad li qatt gie mwissi f'dan is-sens.

It-Tribunal itenni b'enfasi li fl-ambitu tar-relazzjonijiet industrijali t-tkeccija mill-impieg hija meqjusa bhala l-piena kapitali u sabiex din titqies bhala gusta jrid ikun hemm ragunijiet tajba u sufficjenti. F'dan il-kaz kif ittrattat la gew esposti ragunijiet tajba u wisq anqas sufficjenti sabiex is-Socjeta ntimata rrikorriet ghat-tkeccija mix-xoghol tal-Appellant.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gie espost f'dan il-process, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impieg tal-Appellant ma' kienetx wahda gusta.

F'din ic-cirkostanza it-Tribunal qies l-eta tal-Appellant kif ukoll il-potenzjal tieghu ghall-prospetti ta' xoghol u jiffissa l-kumpens dovut lill-Appellant fis-somma ta' €2500. Liema ammont irid jithallas mis-Socjeta' ntimata fi zmien erba gimghat mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' minn assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**(iffirmat)**
**Charles Cassar**
**Chairperson**

**VERA KOPJA**

**Graziella Spiteri**
**Ghas-Segretarju**